

Brussell, 9 ta' Jannar 2025
(OR. en)

16578/24
PV CONS 64
SOC 897
EMPL 606
SAN 691
CONSOM 349

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
2 u 3 ta' Diċembru 2024

LAQGHATAT-TNEJN 2 TA' DIĊEMBRU 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 16142/2/24 REV 2.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista mhux leġiżlattiva

16321/1/24 REV 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

16322/24

Telekomunikazzjoni

1. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti**



15878/24 + ADD 1
PE-CONS 93/24
CYBER

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-27.11.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE), bis-Slovakkja tastjeni. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

2. **Regolament li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà (l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà)**



15879/24 + ADD 1
PE-CONS 94/24
CYBER

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-27.11.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 173(3) u 322(1), il-punt (a) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Direttiva dwar it-traineeships** 16136/24 + ADD 1
Approċċ ġenerali

Ma kienx hemm l-appoġġ meħtieġ biex il-Kunsill jilħaq l-approċċ ġenerali li jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

L-Estonja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ** 15599/24
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ, kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

5. **Semestru Ewropew 2025: Prijoritajiet fil-politika tal-impjiegi u dik soċjali** 15562/24 + COR 1
Dibattitu ta' orjentazzjoni

- a) **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri** 15724/1/24 REV 1
15095/24 + ADD 1
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 148(2) TFUE)
Adozzjoni

- b) **Valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024** 15563/24
Preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

- c) **Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment: Messaġġi ewlenin**
Approvazzjoni

 15564/24

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-Prijoritajiet fil-politika tal-impjegi u dik soċjali, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument 15562/24 + COR 1.

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri, kif tinsab fid-dokument 15095/24 + ADD 1.

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024, li tinsab fid-dokument 15563/24.

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin tar-rieżami mill-Kumitat tal-Impjegi tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-kontijiet individwali tal-apprendiment, li jinsabu fid-dokument 15564/24.

6. **Konklużjonijiet dwar nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea**
Approvazzjoni

 15463/24

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE: Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

7. **Konklużjonijiet dwar it-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjegi sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali**
Approvazzjoni

 15610/24

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjegi sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

8. **Konklużjonijiet dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni** 15842/24
+ REV 1 (sv)
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.
9. **Soluzzjonijiet komprensivi għall-isfidi demografiċi: Nappoġġaw lill-ġenituri u nimmobilizzaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u dawk akbar fl-età** 15569/24
Dibattitu ta' orjentazzjoni
- Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar Soluzzjonijiet komprensivi għall-isfidi demografiċi: Nappoġġaw lill-ġenituri u nimmobilizzaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u dawk akbar fl-età, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.
10. **Konklużjonijiet dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi** 15104/24 + COR 1
+ ADD 1
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.
- L-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.
11. **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri** 15976/24
+ ADD 1 REV 2
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.
- Il-Bulgarija u l-Ungerija ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Affarijiet oħra

12. a) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 
- i) **Regolament dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji** 12258/23 + ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza
- ii) **Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012** 15620/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar ir-Regolament dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

- b) **Summit soċjali tripartitiku**  16081/24
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Summit soċjali tripartitiku.

- c) **Forum Soċjali ta' Porto 2025**  16268/24
Informazzjoni mill-Portugall

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall dwar il-Forum Soċjali ta' Porto 2025.

d) Avvenimenti tal-Presidenza

 16079/24

i) Laqgħa informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

ii) Konferenzi ta' livell għoli
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

e) Għodod diġitali għall-promozzjoni tal-moviment liberu u ġust tal-ħaddiema fl-UE

 16000/24

Informazzjoni mid-Danimarka, appoġġata mill-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, in-Netherlands u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka, appoġġata mill-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, in-Netherlands u s-Slovenja, dwar l-għodod diġitali għall-promozzjoni tal-moviment liberu u ġust tal-ħaddiema fl-UE. Barra minn hekk, l-Estonja u Franza laqgħu l-inizjattiva matul il-laqgħa.

f) Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-ugwaljanza



i) Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom
Informazzjoni mill-Kummissjoni

13899/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali għar-Rom.

d) (kontinwazzjoni) Avvenimenti tal-Presidenza

 16079/24

iii) Laqgħa informali tal-Ministri responsabbli mid-Demografija
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- g) **Trattament ugwali u diskriminazzjoni intersezzjonali**  15933/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar Trattament ugwali u diskriminazzjoni intersezzjonali.

- f) **(kontinwazzjoni) Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji dwar l-ugwaljanza** 

- ii) **Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025** 13819/24

- iii) **Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025** 13898/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu 2020-2025, u dwar ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025.

- h) **Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru (stħarriġ UE-GBV)**  16259/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-istħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru (stħarriġ UE-GBV).

- i) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Polonja

SAĦĦA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 13. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti minghajn duħħan u aerosol**   15059/24
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 168(6) TFUE)
Adozzjoni

+ ADD 1-2

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti minghajn duħħan u aerosol.

L-Italja u r-Rumanija ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta u r-Repubblika Ċeka ppreżentat dikjarazzjoni, kif jinsabu fl-Anness.

- 14. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa fid-dawl tar-rapport dwar "Il-futur tal-Kompetittività Ewropea"**  15278/24
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa fid-dawl tar-rapport dwar "Il-futur tal-Kompetittività Ewropea".

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 15. Pakkett farmaċewtiku:**   14955/24

a) **Direttiva dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**

b) **Regolament li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-supervizzjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-Pakkett farmaċewtiku.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

16. **Konklużjonijiet dwar it-titjib tas-saħħa kardjovaskulari fl-Unjoni Ewropea** [2] 15315/24 + COR 1-2
Approvazzjoni
Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-titjib tas-saħħa kardjovaskulari fl-Unjoni Ewropea.
17. **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi** [2] 14697/24 + ADD 1
Approvazzjoni
Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi.
L-Awstrija u l-Kroazja ppreżentaw dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

Affarijiet oħra

18. a) **Riformi meħtieġa fir-Regolament dwar l-Apparati Mediċi u r-Regolament dwar l-Apparati Mediċi Dijanjostiċi *In Vitro*: prioritajiet / punti ewlenin** [2] 15380/24
Informazzjoni mill-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja
Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar ir-riformi meħtieġa għar-Regolamenti dwar l-Apparati Mediċi.
- b) **Kooperazzjoni volontarja tal-Istati Membri dwar l-akkwist konġunt ta' prodotti mediċinali** [2] 15379/1/24 REV 1
Informazzjoni minn Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja
Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja dwar il-kooperazzjoni volontarja tal-Istati Membri dwar l-akkwist konġunt ta' prodotti mediċinali.

- c) **Is-settur tas-saħħa bħala parti ewlenija mill-Istrateġija futura għal Unjoni tal-Preparatezza** [2] 15400/24
Informazzjoni mill-Finlandja f'isem Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Finlandja f'isem Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta u Spanja dwar is-settur tas-saħħa bħala parti ewlenija mill-Istrateġija futura għal Unjoni tal-Preparatezza.

- d) **Konferenzi tal-Presidenza** [2] 15402/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar konferenzi tal-Presidenza.

- e) L-indirizzar tal-bejgħ ta' mediċini mhux awtorizzati liċ-15381/24
ċittadini Ewropej
Informazzjoni mill-Belġju, Ċipru, l-Irlanda u Spanja

- f) Negożjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, 15401/24
it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi
komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

- g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mill-Polonja

[1] L-ewwel qari

[2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 16142/2/24 REV 2

Dwar il-punt "B" **Direttiva dwar it-traineeships**
nru 3: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-għan ġenerali tad-Direttiva dwar it-Traineeships li ttejjeb il-kwalità tat-traineeships u l-aċċess għalihom. Madankollu, aħna tal-fehma li jeħtieġ li nesprimu t-tħassib li ġej rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva.

Skont it-test tal-Artikolu 8 dwar il-proċeduri mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, l-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità ma' żewġ sitwazzjonijiet differenti.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentati tal-ħaddiema:

1) *ikunu jistgħu jinvolve ruħhom* [...] fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

u

2) *ikunu jistgħu jaġixxu* [...] f'isem jew b'appoġġ għal trainee f'każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva [...].

Aħna fhimna li t-tieni sitwazzjoni (*ikunu jistgħu jaġixxu* [...] *f'isem jew b'appoġġ għal*) tfisser rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti (tali użu tat-terminu *b'appoġġ għal* ġie nnegozjat fil-qafas tal-istrumenti tal-liġi ċivili, eż. id-direttiva kontra s-SLAPP). Madankollu, mhuwiex ċar għalina xi tfisser l-ewwel sitwazzjoni (*ikunu jistgħu jinvolve ruħhom*), jekk ma tfissirx rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti u hijiex rregolata bħala obbligu separat.

Skont il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni, l-Istat Membru għandu jiżgura li r-rappreżentanti tal-ħaddiema, li ma jaġixxux bħala rappreżentanti jew konsulenti fil-proċedimenti tal-qorti, għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji. Id-dritt proċedurali ċivili Estonjan ma jipprevedix tali possibbiltà, u tali obbligu għid speċifiku għas-settur jinterferixxi mal-awtonomija proċedurali ta' Stat Membru u ma jistax ikun l-għan tad-dritt tal-Unjoni.

Matul in-negozjati fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tlabna kjarifiki dwar xi jfisser *jkunu jistgħu jinvolve ruħhom fi* [...] *proċedura ġudizzjarja* [...] *biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva*, jekk dan ifisser xi ħaġa oħra għajr ir-rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti; offrejna proposti ta' formulazzjoni għall-Artikolu 8, kif ukoll proposta għall-formulazzjoni tal-premessa.

Fhimna lill-Kummissjoni b'tali mod li, sabiex tikkorrispondi għall-ewwel sitwazzjoni stipulata fl-Artikolu 8 (*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolve ruħhom [...] fi kwalunkwe proċedura għidizzjarja [...] rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva*), l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn ibiddlu l-liġi proċedurali ċivili tagħhom.

Minħabba li t-test tad-Direttiva jippermetti interpretazzjoni differenti, aħna nosservaw li l-Estonja tinterpreta l-ewwel sitwazzjoni rregolata fl-Artikolu 8 b'tali mod li l-Estonja ma jkollhiex għalfejn tbiddel il-liġi proċedurali tagħha sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8. Ikun biżżejjed li, skont il-liġi proċedurali Estonjana, it-trainee jkun jista' juża r-rappreżentanti tal-ħaddiema bħala rappreżentant jew konsulent fi proċedimenti tal-qorti (it-tieni sitwazzjoni tal-Artikolu 8)."

Dwar il-punt "B"
nru 10:

Konklużjonijiet dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija temmen li l-approċċ tal-Presidenza lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa bbażat fuq kompromess ibbilanċjat b'mod delikat u għalhekk aħna nappoġġaw l-approċċ attwali tal-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi.*

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi.*

L-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2020-2025" imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-ġenerazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sfidi demografiċi* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

Dwar il-punt "B"
nru 11:

Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u l-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiżgura l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bħala valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali ċċarat ukoll li l-idea ta' "sess" użata fil-Kostituzzjoni għandha, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, tinftiehem fis-sens bijoloġiku tagħha biss (nisa u rġiel).

Il-paragrafu 9 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jikkwota l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, li fiha termini li mhumiex kompatibbli mal-fehim binarju ta' ġeneru skont il-liġi Bulgara.

B'kont meħud tal-importanza li tissaħħaħ is-saħħa mentali tan-nisa u l-bniet, fi spirtu ta' kompromess, ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-adozzjoni tal-konklużjonijiet u, f'konformità mad-Deċiżjonijiet Nri 13/2018 u 15/2021 tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, tirriżerva d-dritt li tapplikahom bil-fehim li l-kunċett ta' "ġeneru" għandu biss tifsira esklużivament bijoloġika – maskil u femminil – u ma taċċettax it-termini tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali, li jmorru lil hinn minnha."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija temmen li l-approċċ tal-Presidenza lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa bbażat fuq kompromess delikatament ibbilanċjat, u għalhekk aħna nappoġġaw l-approċċ attwali tal-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.*

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.*

L-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-istrateġija tal-Kummissjoni adottata fl-2020: l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM(2020) 698 final) imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-saħħa mentali tan-nisa u tal-bniet bil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

Dwar il-punt "B" **nru 13:**

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti mingħajr duħħan u aerosol
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 168(6) TFUE)
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA U R-RUMANIJA

"L-Italja u r-Rumanija jirrikonoxxu l-ħtieġa li tiġi protetta s-saħħa pubblika u jaqblu li jeħtieġ tittieħed azzjoni adatta biex jiġu evitati r-riskji assoċjati mad-duħħan mingħand ħaddieħor, bil-għan li l-popolazzjoni tal-UE tiġi protetta mit-tipjip sekondarju.

Madankollu nixtiequ nenfasizzaw li l-proċedura użata fid-dikussjonijiet u fl-approvazzjoni ta' dan l-att mill-Kunsill kienet teħtieġ diskussjoni bejn l-Istati Membri fi żmien aktar adatt u f'ċirkostanzi aħjar.

Bl-istess mod, jiddispjaċina li ħafna mill-kummenti u l-emendi sinifikanti proposti mill-Istati Membri ma ġewx ikkunsidrati u inklużi fit-test b'mod adegwat, minħabba li dan huwa att li, fid-dawl tan-natura u l-iskop stess tiegħu, kellu jkun diskuss u ffinalizzat bil-għan li jintlaħaq kunsens bejn il-partijiet, filwaqt li jittieħed kont tat-tħassib u l-prijoritajiet nazzjonali espressi b'mod ċar mill-Istati Membri. F'termini politiċi, il-pożizzjonijiet ibbażati fuq il-kunsens huma dejjem l-aktar triq adegwata.

Barra minn hekk, kif ġie mtenni ripetutament, jiddispjaċina dwar in-nuqqas li tiġi ppreżentata valutazzjoni tal-impatt adegwata għal dan l-att, bħala bażi għall-Kunsill biex jivvaluta kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet proposti.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nittamaw li d-diskussjonijiet futuri fil-Kunsill dwar dan is-suġġett jieħdu kont akbar tal-kwistjonijiet kollha mqajma mill-Istati Membri.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sustanza tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-att, jeħtieġ ġiġi enfasizzat li miżuri ġeneralizzati dwar prodotti li jarmu l-aerosol f'ċerti żoni fil-beraħ, b'referenza speċifika għal stabbilimenti ta' servizz u ta' postijiet tax-xogħol, huma nieqsa minn bażi xjentifika b'saħħitha u valutazzjoni tal-impatt adegwata u għaldaqstant ma kellhomx jiġu inklużi fl-att.

Bl-istess mod, ir-rakkomandazzjonijiet għal miżuri wiesgħa u ġeneralizzati għal żoni fil-beraħ, li mhumex identifikati u assoċjati b'mod ċar ma' kunċetti bħall-preżenza ta' ħafna nies bil-mixi, ma għandhom l-ebda bażi legali u jistgħu joħolqu inċertezza fir-rigward tat-tifsira tagħhom u dwar kif l-aħjar jiġu implimentati, u għaldaqstant ma kellhomx jiġu inklużi fl-atti.

Fl-aħħar nett, jeħtieġ ġiġi indikat li dan l-att adottat mill-Kunsill, fid-dawl tan-natura u l-iskop stess tiegħu, ma jinvolvi l-ebda obbligu legali għall-Istati Membri biex isawru l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom kif adatt, b'kont meħud tal-kompetenzi u l-ispeċifikitajiet nazzjonali fir-rigward tal-implimentazzjoni, u ma joħloq l-ebda preċedent regolatorju għal ebda diskussjoni futura fil-Kunsill dwar il-politika Ewropea dwar it-tabakk.

Għal din ir-raġuni, l-Italja u r-Rumanija għad għandhom tħassib politiku rigward l-adegwatezza ta' xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet, kif deskritt hawn fuq, kif ukoll dwar kwalunkwe valutazzjoni ulterjuri, bħala Stati Membri, tal-implimentazzjoni nazzjonali korretta ta' dan l-att."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka temmen li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol tirrappreżenta pass lejn it-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mit-tabakk u prodotti relatati. Madankollu, aħna nemmnu li l-politiki li għandhom l-għan li jipproteġu s-saħħa pubblika għandhom ikunu razzjonali, realiści u bbażati fuq il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara.

Ir-Repubblika Ċeka ser issegwiha f'konformità mal-kuntest nazzjonali tagħna u, b'mod partikolari, mal-istrateġija nazzjonali tagħna kif deskritta fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Politika dwar id-Dipendenza 2023-2025. F'dan ir-rigward nenfasizzaw li, filwaqt li nappoġġaw l-oġettivi ġenerali tar-Rakkomandazzjoni li ttejjeb is-saħħa pubblika, kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni għandha tkun strettament konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u tikkomplementa biss il-politiki nazzjonali, kif stipulat mill-Artikolu 168 TFUE, u l-implimentazzjoni tagħha trid tiġi adattata għall-ħtiġijiet, l-isfidi, il-prattiki u l-evidenza nazzjonali speċifiċi.

Il-politika nazzjonali tagħna, kif definita fil-Pjan ta' Azzjoni, tappoġġa approċċ ibbilanċjat u realistiku għall-politika dwar id-dipendenza, inkluż il-politika dwar it-tabakk. Dan l-approċċ mhux biss jiffoka fuq il-prevenzjoni iżda jappoġġa wkoll it-tnaqqis tal-ħsara bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tal-politika tagħna applikata għal dawk l-adulti li ma jistgħux jew ma jixtiqux jieqfu jpejpu. F'każijiet bħal dawn, il-politiki li jnaqqsu r-riskji għas-saħħa assoċjati mat-tipjip jitqiesu bħala għodod siewja għat-titjib tas-saħħa pubblika.

Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi li, skont l-aħħar evidenza xjentifika, l-użu ta' prodotti tat-tabakk u tan-nikotina ġodda u emerġenti jista' jgħallq inqas riskji għas-saħħa meta mqabbel mal-prodotti tradizzjonali tat-tabakk. Għalhekk, huwa essenzjali li ssir aktar riċerka biex tiġi pprovduta evidenza aktar konklużiva dwar l-effetti fit-tul ta' dawn il-prodotti fuq is-saħħa pubblika. Fl-istess ħin, huwa kruċjali li jiġi rikonoxxut li prodotti ġodda, b'mod partikolari dawk b'toġhmiet karatterizzanti, huma partikolarment attraenti għat-tfal u ż-żgħażaġh, u dan jirrikjedi regolamentazzjoni stretta biex jiġi evitat l-aċċess għal dawn il-prodotti.

F'konformità ma' dan, ir-Repubblika Ċeka hija favur miżuri li jqisu l-ħsara relattiva u r-riskju għas-soċjetà ta' prodotti differenti tat-tabakk u tan-nikotina.

L-oġġettivi primarji għandhom ikunu:

- 1) il-protezzjoni tat-tfal u l-adolesxenti mill-użu tat-tabakk u mill-esponiment għat-tabakk u prodotti relatati, u
- 2) l-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni ta' persuni adulti li jpejpu għal alternattivi li jagħmlu inqas ħsara meta ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jieqfu għalkollox mit-tipjip.

Aħna nqisu li huwa importanti li niddikjaraw il-pożizzjoni tagħna dwar il-politika tat-tabakk u dwar l-approċċ għal prodotti ġodda, filwaqt li nantiċipaw li dan l-approċċ ser jiġi rifless fisem ir-Repubblika Ċeka fir-reviżjoni mistennija tad-Direttiva 2014/40.

Bħala konklużjoni, ir-Repubblika Ċeka tibqa' impenjata li timplimenta politika effettiva skont l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, il-politiki nazzjonali tas-saħħa, u l-oqfsa internazzjonali. Aħna nemmnu li l-approċċ tagħna ser jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ħsara relatata mat-tabakk, jipproteġi s-saħħa pubblika, u jippromwovi l-benesseri taċ-ċittadini kollha."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA U L-KROAZJA

"L-Awstrija u l-Kroazja jilqgħu l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-donazzjoni u t-trapjant tal-organi u jesprimu r-ringrazzjament sinċier tagħhom lill-Presidenza Ungeriża talli ppreżentat id-dokument u ggwidat b'suċċess il-proċess tan-negożjati.

L-objettiv primarju jibqa' l-ottimizzazzjoni u l-iżgurar tal-aħjar trattament u provvista possibbli għall-pazjenti, u nqisu li l-konklużjonijiet tal-Kunsill huma pass importanti lejn il-kisba ta' dan l-għan. Fl-istess ħin, fl-ispirtu ta' djalogu miftuħ u kostruttiv, l-Awstrija u l-Kroazja jixtiequ jinnotaw tħassib dwar il-formulazzjoni speċifika dwar id-donazzjoni tal-organi wara d-determinazzjoni ċirkulatorja tal-mewt (DCDD, paragrafu 30) u r-referenza għal-leġislazzjoni nazzjonali. Fil-fehma tagħna, jidher importanti li ssir riflessjoni kontinwa u kritika dwar il-kundizzjonijiet eżistenti u li jiġu evalwati l-għażliet possibbli għall-adattament biex ottimizzazzjonijiet ikunu possibbli sabiex tiġi żgurata provvista adegwata għall-pazjenti fit-tul.

Dan il-kumment huwa maħsub bħala kontribut kostruttiv għal aktar diskussjonijiet dwar l-approċċ għad-DCDD, mingħajr ma jiġi kkontestat bl-ebda mod il-valur inkontestabbli tal-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-pazjenti, li huwa ċarament rikonoxxut b'mod ġenerali. Għalhekk, u dan għandu jiġi enfasizzat fil-konklużjoni, l-Awstrija u l-Kroazja jappoġġaw bis-sħiħ l-approvazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill."

Dwar il-punt "A"
nru 1:

**Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/881 (l-Att dwar iċ-
Ċibersigurtà) fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà ġestiti**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Dan ir-Regolament li jemenda l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà jżid il-possibbiltà li jiġu żviluppati skemi Ewropej ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għas-servizzi tas-sigurtà ġestiti. Fl-istess ħin, huwa rikonoxxut li rieżami bir-reqqa tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà huwa tal-akbar importanza, inkluż il-valutazzjoni tal-proċeduri li jwasslu għat-tħejjija, l-adozzjoni u r-rieżami tal-iskemi Ewropej ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. Dan ir-rieżami għandu jkun ibbażat fuq analiżi profonda u konsultazzjoni wiesgħa dwar l-impatt, l-effettività u l-effiċjenza tal-funzjonament tal-qafas Ewropew ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. L-analiżi mwettqa bħala parti mill-evalwazzjoni stabbilita fl-Artikolu 67 tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà għandha tinkludi attivitajiet ta' żvilupp ta' skemi operattivi, bħal dik li tirrigwarda l-iskema Ewropea ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għas-servizzi cloud (EUCS) kif ukoll dawk ta' skemi adottati bħal dik li tirrigwarda l-iskema Ewropea ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà bbażata fuq kriterji komuni (EUCC).

B'mod partikolari, ir-rieżami għandu jidentifika l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-proċeduri li jwasslu għall-iskemi ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà u jfassal rakkomandazzjonijiet għal titjib futur. Għandu jindirizza wkoll aspetti relatati mal-konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati u mat-trasparenza tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni, li hija responsabbli għar-rieżami tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, għandha tiżgura li r-rieżami jqis kif xieraq l-elementi meħtieġa msemmija fid-dawl tal-Artikolu 67 meta jippreżenta r-rieżami lill-koleġislaturi."

Dwar il-punt "A"
nru 2:

**Regolament li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet
fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti
taċ-ċibersigurtà (l-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà)**
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

1. Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta għall-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà ġiet ippubblikata f'April 2023. Minn dak iż-żmien, iċ-ċifri stimati rilevanti nbidlu minħabba l-adozzjoni jew l-adozzjoni mistennija ta' atti leġiżlattivi oħra.
2. Fil-5 ta' Marzu 2024, il-koleġislaturi laħqu qbil politiku preliminari biex jillimitaw għal EUR 22 miljun ir-riallokazzjoni mill-Objettiv Speċifiku 4 "Ħiliet Diġitali Avvanzati" għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiducia" tal-programm Ewropa Diġitali previst fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

3. Bil-għan li tirrifletti l-kundizzjonijiet tal-qbil politiku preliminari, il-Kummissjoni aġġornat id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà fir-rigward tal-pakketti finanzjarji għall-Objettivi Speċifiċi 2 "Intelliġenza Artifiċjali", 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" u 4 "Ħiliet Diġitali Avanzati", fid-dawl tar-riallokazzjonijiet kif qablu fuqhom il-koleġiżlaturi.
4. Għaldaqstant, il-pakketti finanzjarji għall-perjodu 2025-2027 ippreżentati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva aġġornata, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, huma s-segwenti:
 - [EUR 544 726 000] għall-Objettiv Speċifiku 2 "Intelliġenza Artifiċjali", filwaqt li jitqiesu l-EUR 65 miljun riallokati għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja";
 - [EUR 44 451 000] għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" - il-parti taħt ir-reġim ta' ġestjoni diretta tal-Kummissjoni, inklużi EUR 26 miljun riallokati mill-Objettivi Speċifiċi 2 u 4.
 - [EUR 353 190 613] għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja" - il-parti ġestita miċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, inkluża r-riallokazzjoni ta' EUR 61 miljun mill-Objettivi Speċifiċi 2 u 4.
 - [EUR 167 162 423] għall-Objettiv Speċifiku 4 "Ħiliet Diġitali Avanzati", filwaqt li titqies ir-riallokazzjoni ta' EUR 22 miljun għall-Objettiv Speċifiku 3 "Ċibersigurtà u Fiduċja".
5. Ir-Riżerva taċ-Ċibersigurtà tal-UE ser tkun iffinanzjata mill-pakkett finanzjarju tal-Objettiv Speċifiku 3: "Ċibersigurtà u Fiduċja" – il-parti taħt ir-reġim ta' ġestjoni diretta tal-Kummissjoni (li skont l-istimi tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva aġġornata hija EUR [44 451 000])."